MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-26 ta' Dicembru, 2012

Numru. 103/2012

Kawża numru 103 /2012 (NC)

Il-Pulizija
(Spettur Frank Anthony Tabone)

kontra

**Anthony Said** ta' 38 sena, iben l-mejjet Peter u Carmela née Vella, imwieled ir-Rabat, Għawdex nhar t-22 ta' Marzu 1974, u residenti fil-fond numru 8, Triq ir-Rabat, Marsalforn, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex u detentur tal-karta tal-identità bin-numru 8474G.

Illum is-26 ta' Diċembru 2012

Il-Qorti;

Rat l-akkuża li permezz tagħha l-imputat Anthony Said ġie akkuzat talli nhar l-24 ta' Diċembru 2012 u fix-xhur ta'

qabel ġewwa diversi postijiet f'Għawdex b'diversi atti magħmulin minnu stess, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi, u liema atti gew magħmula b'riżoluzzjoni waħda;

a) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura id-droga eroina, speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-liġijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew għall użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorità mogħtija mill-President ta' Malta li jforni id-droga u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-ordinanza imsemmija u mingħajr ma kellu liċenzja jew xorta oħra awtorizzat li jimmanefattura jew iforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-liġijiet ta' Malta;

b) U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkustanzi, kellu fil-pussess tiegħu id-droga eroina, speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-mediċini Perikolużi Kap 101 tal-liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta,

liema droga instabet f' tali ċirkostanzi li juru li ma kienitx għall-użu esklussiv tiegħu;

c) U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkustanzi, kellu fil-pussess tiegħu id-droga eroina, speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

d) U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkustanzi kiser xi waħda mill-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest imposti fuqu mil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) nhar it-23 ta' Diċembru 2008 (Maġistrat illum Imħallef Dottor Anthony Ellul) u kif ukoll xi waħda mill-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest imposti fuqu b'digriet ieħor mil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) ta' nhar it-28 ta' Settembru 2010 (Maġistrat Dottor Edwina Grima);

e) U aktar talli sar recediv b'diversi sentenzi mogħtija lilu mil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u mil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula jew mħassra;

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni u ċioé l-kunsens tal-Avukat Ġenerali, kopja taċ-ċertifikat tat-twelid

tal-imputat, kopja tal-fendina penali tal-imputat, stqarrija rilaxxata lill-Ispettur Frank Anthony Tabone mill-imputat innifsu u erba' (4) stqarrijiet oħra rilaxxati minn persuni msemmija mill-istess imputat u ċioé waħda ta' Charles Paul Muscat, oħra ta' Raymond Rotin, oħra ta' George Apap u stqarrija oħra rilaxxata minn Alexander Angileri. Rat ukoll iż-żewġ okkorrenzi tal-pulizija relatati ma' dan l-inċident.

Semgħet lill-imputat jammetti l-akkuzi kif dedotti u dan wara li l-Qorti tagħtu l-opportunità sabiex jerġa' jikkonsidra din l-ammissjoni tiegħu u l-imputat reġa' wieġeb li jammetti dawn l-akkużi;

Rat ukoll l-artiklu 10(1), 12, 14, 20, 22(1)(a) u 1(b), artiklu 2(b)(1)(2), l-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta; regolament 4 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 għall-Kontroll Intern tal-Mediċini Perikolużi (Government Notice 292/1939) kif sussegwentement emendat.

Rat ukoll l-artikolu 18, 49, 50 tal-Kap. 9. Rat ukoll l-artikolu 579(2) tal-istess Kap. 9. U rat ukoll 29 tal-Kap. 101.

U fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ fejn l-imputat ikkopera bi sħiħ mal-pulizija, ta ukoll xi informazzjoni lill-istess pulizija u għalhekk jistħoqlu li jkun hemm riduzzjoni tal-piena a tenur tal-artiklu 29 tal-Kap. 101 ġià msemmi.

U għalhekk tikkundannah għal sentejn priġunerija u multa ta' ħames mitt ewro (€500).

Peress li rriżulta li l-imputat ibagħti mill-vizzju tad-droga, il-Qorti tagħmel rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin sabiex iżomm lill-imputat fis-sezzjoni forensika tal-istess faċilità tul il-perjodu ta' priġunerija tiegħu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------